ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 249

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 52**

**17 ta' Ottubru 2009**

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/C 249/01 Opinjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2009 fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE fir-rigward ta' miżura ta' projbizzjoni adottata mill-awtoritajiet Pollakki fir-rigward ta' lbies protettiv għas-sewwieqa tal-muturi, "BF motorcycle hardwear" bi protezzjoni kontra l-impatt, tat-tip "Tested PR" [1] .......... 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 249/02 Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] .......... 3

2009/C 249/03 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perċentwal finali ta' użu, matul is-sena 2009, tal-kwoti għall-importazzjoni tar-ross stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1529/2007 .......... 4

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE



*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2009/C 249/04 Att tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2009 li jaħtar mill-ġdid Viċi Direttur tal-Europol .................... 5

**Il-Kummissjoni**

2009/C 249/05 Rata tal-kambju tal-euro .................... 7

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2009/C 249/06 Informazzjoni komunikata mill-Istati Membri rigward għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli massuq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat ([1]) ..... 8

2009/C 249/07 Informazzjoni komunikata mill-Istati Membri rigward għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli massuq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat ([1]) ..... 13

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 249/08 Avviż ta' skadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping .................... 18

2009/C 249/09 Avviż ta' skadenza imminenti ta' ċerti miżuri antidumping .................... 19

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-15 ta' Ottubru 2009**

**fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE fir-rigward ta' miżura ta' projbizzjoni adottata mill-awtoritajiet Pollakki fir-rigward ta' lbies protettiv għas-sewwieqa tal-muturi, "BF motorcycle hardwear" bi protezzjoni kontra l-impatt, tat-tip "Tested PR"**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 249/01)

### 1. **In-notifika mill-awtoritajiet Pollakki**

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 89/686/KEE ([1]) dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv (APP) jistipula li fejn Stat Membru jiżgura li t-tagħmir personali protettiv bil-marka CE u użat għall-iskop maħsub tiegħu jista' jikkomprometti s-sikurezza tal-persuni, tal-annimali domestiċi jew tal-proprjetà, huwa għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex ineħħi mis-suq dan l-apparat personali protettiv, u jipprojbixxi t-tqegħid tiegħu fis-suq jew iċ-ċirkolazzjoni libera tiegħu.

Skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati, hija mistennija tiddikjara jekk issibx din il-miżura ġġustifikata jew le. Jekk il-miżura tinstab li hija ġġustifikata, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri biex dawn ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri xierqa kollha fir-rigward tal-apparat ikkonċernat, bi qbil mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 2(1).

Fit-8 ta' Awwissu 2008 l-awtoritajiet Pollakki nnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea b'miżura li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' lbies protettiv għas-sewwieqa tal-muturi "BF motorcycle hardwear" bi protezzjoni kontra l-impatt għall-minkbejn, għad-dirgħajn, għall-irkopptejn u għan-naħa ta' fuq tal-qasba tar-riġlejn, tat-tip "Tested PR".

Il-fajl li ntbagħat lill-Kummissjoni kien fih "dikjarazzjoni tal-marka CE" magħmula minn Ashan (UK) Ltd, ta' 68, Greal Eastern Street, Londra, EC2A 3JT, Ir-Renju Unit f'isem M/S Havaba Bikewear, Metzingen, il-Ġermanja, bl-Annessi li jidhru hawn taħt li jistqarru li l-ilbies protettiv jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-Direttiva:

— l-Anness "A" Ilbies li jipproteġi l-ispallejn tat-tip HB-S-E

— l-Anness "C" Ilbies li jipproteġi l-irkopptejn tat-tip HB-K-E

— l-Anness "D" Ilbies li jipproteġi d-dahar tat-tip HB-B-E

— l-Anness "E" Ilbies li jipproteġi l-ġenbejn tat-tip HB-H-E

### 2. **Ir-raġunijiet mogħtija għal din il-miżura nnotifikata**

L-awtoritajiet Pollakki stqarrew li l-ilbies protettiv ikkonċernat ma kienx ġie ppreżentat għall-proċedura tal-eżami tat-tip EC stipulata fl-Artikolu 10 tad-Direttiva.

([1]) ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18.

Barra minn hekk kienu neqsin l-istruzzjonijiet tal-użu.

L-awtoritajiet Pollakki stqarrew ukoll li l-manifattur ma kienx irranġa l-prodott biex ġabu konformi meta ġie mitlub li jagħmel hekk skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva.

3. **L-opinjoni tal-Kummissjoni**

Fid-9 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni kitbet lil Ashan (UK) Ltd. u stednitu jibgħat il-kummenti tiegħu dwar il-miżura meħuda mill-awtoritajiet Pollakki. Sa issa, ma waslet l-ebda risposta.

Fid-dawl tad-dokumentazzjoni disponibbli u tal-kummenti tal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni tqis li l-Awtoritajiet Pollakki wrew li l-ilbies protettiv "BF moltorcyle hardwear" bi protezzjoni kontra l-impatt, tat-tip "Tested PR", għas-sewwieqa tal-muturi, mhuwiex konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 89/686/KEE.

Għaldaqstant, wara li segwiet il-proċedura meħtieġa, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżura ta' projbizzjoni meħuda mill-awtoritajiet Pollakki hija ġustifikata.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Günther VERHEUGEN
*Viċi President*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 249/02)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 29.7.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 22/09 |
| Stat Membru | Ir-Renju Unit |
| Reġjun | L-Irlanda ta' Fuq |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | The Renewables Obligation — Northern Ireland |
| Il-bażi legali | Energy (Northern Ireland) Order 2003 as amended by Energy (Amendment) Order 2009; Renewables Obligation Order (Northern Ireland) 2007 as amended |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Il-ħarsien tal-ambjent |
| Il-forma tal-għajnuna | Tranżazzjonijiet mhux fuq termini tas-suq |
| L-estimi | Baġit annwali: 1,8 miljun GBP |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.3.2027 |
| Setturi ekonomiċi | L-enerġija |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Department of Enterprise, Trade and Investment for Northern Ireland<br>Netherleigh Massey Avenue<br>Belfast<br>BT4 2JP<br>Northern Ireland<br>UNITED KINGDOM |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perċentwal finali ta' użu, matul is-sena 2009, tal-kwoti għall-importazzjoni tar-ross stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1529/2007**

(2009/C 249/03)

Il-perċentwal finali ta' użu għal kull kwota, stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1529/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni, għas-snin 2008 u 2009, tal-kwoti għall-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Istati Afrikani, mill-Karibew u mill-Paċifiku (AKP), li huma parti mir-reġjun Cariforum, u mill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej (OCT) ([1]), matul is-sena 2009, huwa ffissat kif ġej.

| Oriġini/Prodott | Numru tas-serje | Perċentwal finali tal-użu tal-kontinġent għas-sena 2009 |
|---|---|---|
| Stati li huma parti mir-reġjun Cariforum (l-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007)<br>— Kodiċijiet NM 1006, għajr il-kodiċi NM 1006 10 10 | 09.4220 | 69,37 % |
| OCT (l-Artikolu 1(2)(a) u (b), tar-Regolament (KE) Nru 1529/2007)<br>— Kodiċi NM 1006 | | |
| (a) L-Antilli Olandiżi u Aruba | 09.4189 | 16,2 % |
| (b) L-OCT l-anqas żviluppati | 09.4190 | 0 % |

([1]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 155.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## ATT TAL-KUNSILL

**tad-9 ta' Ottubru 2009**

**li jaħtar mill-ġdid Viċi Direttur tal-Europol**

(2009/C 249/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Konvenzjoni tal-Europol) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tagħha,

Waqt li jaġixxi bħala l-awtorità mogħtija s-setgħa li taħtar id-Direttur u l-Viċi Diretturi tal-Europol,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni,

Billi:

(1) Il-mandat ta' viċi Direttur tal-Europol maħtur bl-Att tal-Kunsill tal-24 ta' Lulju 2006 ([2]), wasal biex jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2010.

(2) Ir-Regolamenti tal-Persunal applikabbli għall-impjegati tal-Europol ([3]), u b'mod partikolari l-Appendiċi 8 tagħhom, jistabbilixxu disposizzjonijiet speċjali dwar il-proċedura għall-ħatra mill-ġdid tad-Direttur jew ta' Viċi Direttur tal-Europol.

(3) Il-Viċi Diretturi tal-Europol jinħatru għal perijodu ta' erba' snin li jista' jiġi mtawwal darba skont l-Artikolu 38(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) ("Deċiżjoni dwar l-Europol") ([4]).

(4) Skont l-Artikolu 39 tad-Deċiżjoni dwar l-Europol, japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej. Dan ikun il-każ mill-1 ta' Jannar 2010, skont l-Artikolu 64(2) tad-Deċiżjoni dwar l-Europol. Skont l-Artikolu 47(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, l-impjieg ta' persunal temporanju jintemm fi tmiem ix-xahar li fih il-ħaddiem jilħaq l-età ta' 65 sena.

(5) Il-Bord ta' Amministrazzjoni ppreżenta opinjoni unanima lill-Kunsill li tipproponi li l-Viċi Direttur attwali tal-Europol, is-Sur Michel QUILLÉ jinħatar mill-ġdid.

(6) Abbażi tal-opinjoni mogħtija mill-Bord ta' Amministrazzjoni, il-Kunsill jixtieq jaħtar mill-ġdid lis-Sur Michel QUILLÉ bħala Viċi Direttur.

(7) Kmieni kemm jista' jkun wara d-data li minnha tapplika d-Deċiżjoni Europol, il-Kunsill ser jiddetermina l-grad u l-iskala li fihom is-Sur Michel QUILLÉ nħatar mill-ġdid.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Michel QUILLÉ hu b'dan maħtur mill-ġdid Viċi Direttur tal-Europol mill-31 ta' Awwissu 2010 sat-30 ta' April 2014.

([1]) ĠU C 316 tas-27.11.1995, p. 2.
([2]) Id-dok. tal-Kunsill 11819/06 EUROPOL 69.
([3]) L-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi r-regolamenti tal-persunal applikabbli għall-impjegati tal-Europol (ĠU C 26 tat-30.1.1999, p. 23).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009, ĠU L 121 tal-15.5.2009, p. 37.

*Artikolu 2*

Dan l-Att għandu jkollu effett mill-jum tal-adozzjoni tiegħu.

Huwa għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-9 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Å. TORSTENSSON

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

## Is-16 ta' Ottubru 2009

(2009/C 249/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4869 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6213 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 135,60 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5458 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4443 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 11,5235 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,91175 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,0138 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,3907 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0762 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5180 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 733,17 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 10,9476 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,3500 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 10,1508 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,2445 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,771 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 13 974,08 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 5,0131 |
| HUF | Forint Ungeriż | 267,85 | PHP | Peso Filippin | 69,384 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 43,6990 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7077 | THB | Baht Tajlandiż | 49,729 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2133 | BRL | Real Brażiljan | 2,5562 |
| RON | Leu Rumen | 4,2882 | MXN | Peso Messikan | 19,5379 |
| TRY | Lira Turka | 2,1768 | INR | Rupi Indjan | 68,8430 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni komunikata mill-Istati Membri rigward għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 249/06)

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 8/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | Piemonte (ITC1) |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Piemonte<br>Artikolu 87(3)(c) |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Piemonte — Direzione regionale Istruzione, Formazione Professionale e Lavoro Settore Attività Formativa via Magenta, 12 — 10128 Torino TO, ITALIA e le amministrazioni provinciali come da allegata scheda in pdf.<br>http://www.regione.piemonte.it |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Direttiva relativa alla Formazione Continua — Legge 236/93 — Piani aziendali, settoriali e territoriali concordati tra le Parti Sociali — Periodo 2008/2010 |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Deliberazione della Giunta Regionale n. 12-9530 del 2.9.2008 di parziale modifica ed integrazione della D.G.R n. 34-8845 del 26.5.2008 |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www.regione.piemonte.it/formaz/dirreg08.htm |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | Modifikazzjoni XT 68/08 |
| Tul | 30.6.2008-30.6.2010 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna |
| Tip ta' benefiċjarju | SME<br>Impriża kbira |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 3,10 (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — |

| | | |
|---|---|---|
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | — | |
| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f' % |
| Taħriġ speċifiku (Art. 38(1)) | 25 % | — |
| Taħriġ ġenerali (Art. 38(2)) | 60 % | — |

| | | |
|---|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 9/08 | |
| Stat Membru | L-Italja | |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — | |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Piemonte<br>Artikolu 87(3)(c) | |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Piemonte — Direzione regionale Istruzione, Formazione Professionale e Lavoro Settore Attività Formativa via Magenta, 12 — 10128 Torino TO, ITALIA e le amministrazioni provinciali come da scheda pdf allegata<br>http://www.regione.piemonte.it | |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Direttiva relativa alla formazione dei lavoratori occupati — 2008/2010 | |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Deliberazione della Giunta Regionale n. 13-9531 del 2.9.2008 | |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www.regione.piemonte.it/formaz/dirreg08.htm | |
| Tip ta' miżura | Skema | |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — | |
| Tul | 3.9.2008-30.6.2011 | |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| Tip ta' benefiċjarju | SME<br>Impriża kbira | |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 19,30 (f'miljuni) | |
| Għal garanziji | — | |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja | |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — | |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | Fondo Sociale Europeo — EUR 22,80 (f'miljuni) | |
| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME F' % |
| Għajnuna għal konsulenza favur l- SMEs (Art. 26) | 50 % | — |

| | | |
|---|---|---|
| Taħriġ speċifiku (Art. 38(1)) | 25 % | — |
| Taħriġ ġenerali (Art. 38(2)) | 60 % | — |

| | | |
|---|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 11/08 | |
| Stat Membru | Il-Finlandja | |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | 2161/312/2008 | |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | SUOMI/FINLAND<br>Mħallta | |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Maa- ja metsätalousministeriö<br>PL 30, FI-00023 Valtioneuvosto, FINLAND<br>http://www.mmm.fi | |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Maataloustuotteiden markkinoinnin ja tuotannon kehittämisen avustaminen pienten ja keskisuurten yritysten neuvontaan ja messuille osallistumiseen liittyen | |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Valtioneuvoston asetus maataloustuotteiden markkinoinnin ja tuotannon kehittämisen avustamisesta (606/2008)<br>Valtionavustuslaki (688/2001) 6–8 pykälä | |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www.mmm.fi/fi/index/etusivu/maatalous/tuet/markkinoinnin_kehittaminen.html | |
| Tip ta' miżura | Skema | |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — | |
| Tul | 1.1.2009-31.12.2013 | |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| Tip ta' benefiċarju | SME | |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 0,20 (f'miljuni) | |
| Għal garanziji | — | |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja | |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — | |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | — | |
| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna filmunita nazzjonali | Bonuses lill-SME f' % |
| Għajnuna għal konsulenza favur l- SMEs (Art. 26) | 50 % | — |
| Għajnuna għall-SMEs għall-parteċipazzjoni ġo fieri (Art.27) | 50 % | — |

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 12/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Umbria<br>Mħallta |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Umbria<br>Via Mario Angeloni, 61 — 06124 Perugia PG, ITALIA<br>http://www.formazionelavoro.regione.umbria.it |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Aiuti di Stato all'occupazione |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | D.G.R. n. 1119 del 3.9.2008 |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www.formazionelavoro.regione.umbria.it/canale.asp?id=598 |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — |
| Tul | 4.9.2008-31.12.2013 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna |
| Tip ta' benefiċarju | SME |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 1,20 (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | POR FSE 2007-2013 Regione Umbria — codice CCI2007IT052PO013 approvato con decisione della Commissione europea n. C(2007) 5498 dell'8.11.2007 — 0,36 milioni EUR |

| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna filmunita nazzjonali | Bonuses lill-SME F' % |
|---|---|---|
| Għajnuna reġjonali għall-investiment u l-impjiegi (Art. 13) Skema | 10 % | — |
| Għajnuna għall-investiment u impjiegi għall-SMEs (Art. 15) | — | — |

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 13/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Umbria<br>Mħallta |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Umbria<br>Via Mario Angeloni, 61 — 06124 Perugia PG, ITALIA<br>http://www.formazionelavoro.regione.umbria.it |

| | |
|---|---|
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Aiuti di Stato all'assunzione di soggetti svantaggiati e disabili |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | D.G.R. n. 1120 del 3.9.2008 |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www.formazionelavoro.regione.umbria.it/canale.asp?id=598 |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — |
| Tul | 4.9.2008-31.12.2013 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna |
| Tip ta' benefiċarju | SME<br>Impriża kbira |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | EUR 1,20 (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni — | — |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | POR FSE 2007-2013 Regione Umbria — codice CCI2007IT052PO013 approvato con decisione della Commissione europea n. C(2007) 5498 dell'8.11.2007 — 0,36 milioni EUR |

| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna filmunita nazzjonali | Bonuses lill-SME F' % |
|---|---|---|
| Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji ta' pagi (Art. 40) | 50 % | — |
| Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji ta' pagi (Art. 41) | 75 % | — |
| Għajnuna sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż addizzjonali meta jiġu impjegati ħaddiema b'diżabilità (Art. 42) | 100 % | — |

**Informazzjoni komunikata mill-Istati Membri rigward għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 249/07)

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 2/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Umbria<br>Mħallta |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Umbria<br>Via Mario Angeloni 61 — 06124 Perugia PG, ITALIA<br>http://www.regione.umbria.it |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Regime di aiutoa favore degli investimenti delle PMI |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Por FESR Regione Umbria 2007-2013 |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | — |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — |
| Tul | 3.9.2008-31.12.2013 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna |
| Tip ta' benefiċjarju | SME |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | 16,00 EUR (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Self, Sussidju fuq ir-rata ta' interessi, Għotja |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | FESR — 22,00 EUR (f'miljuni) |

| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f'% |
|---|---|---|
| Għajnuna reġjonali għall-investiment u l-impjiegi (Art. 13) Skema | 20 % | — |
| Għajnuna għall-investiment u impjiegi għall-SMEs (Art. 15) | 20 % | — |

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 3/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |

| | | |
|---|---|---|
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Umbria<br>Oqsma mhux assistiti | |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Umbria<br>Via Mario Angeloni 61 — 06100 Perugia PG, ITALIA<br>http://www.regione.umbria.it | |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Regime di aiuto a favore della ricerca industriale e dello sviluppo sperimentale | |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Legge n. 598/94, articolo 11 | |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www.sviluppoeconomico.regione.umbria.it | |
| Tip ta' miżura | Skema | |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — | |
| Tul | 3.9.2008-31.12.2013 | |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| Tip ta' benefiċjarju | SME<br>Impriża kbira | |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | 12,00 EUR (f'miljuni) | |
| Għal garanziji | — | |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja | |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — | |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | FESR — 17,00 EUR (f'miljuni) | |
| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f'% |
| Riċerka industrijali (Art. 31(2)(b)) | 50 % | 10 % |
| Żvilupp sperimentali (Art. 31(2)(c)) | 25 % | 10 % |

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 4/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Umbria<br>Oqsma mhux assistiti |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Regione Umbria<br>Via Mario Angeloni 61 — 06124 Perugia PG, ITALIA<br>http://www.regione.umbria.it |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Regime di aiuto alle PMI per servizi ex artt. 26,27 e e 33 Reg. (CE) n. 800/2008 |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Por FESR Regione Umbria 2007-2013 |

| | | |
|---|---|---|
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www.sviluppoeconomico.regione.umbria.it | |
| Tip ta' miżura | Skema | |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — | |
| Tul | 3.9.2008-31.12.2013 | |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| Tip ta' benefiċjarju | SME | |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | 5,50 EUR (f'miljuni) | |
| Għal garanziji | — | |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja | |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — | |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | FESR — 10,00 EUR (f'miljuni) | |
| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f'% |
| Għajnuna għal konsulenza favur l- SMEs (Art. 26) | 50 % | — |
| Għajnuna għall-SMEs għall-parteċipazzjoni ġo fieri (Art.27) | 50 % | — |
| Għajnuna għal spejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs (Art.33) | 60 % | — |

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 7/08 |
| Stat Membru | Il-Litwanja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | — |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Lithuania<br>Artikolu 87(3)(a) |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Lietuvos Respublikos ūkio ministerija<br>Gedimino pr. 38/2, LT-01104 Vilnius, LIETUVA<br>http://www.ukmin.lt |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Sanglaudos skatinimo veiksmų programos I prioriteto „Vietinė ir urbanistinė plėtra, kultūros paveldo ir gamtos išsaugojimas bei pritaikymas turizmo plėtrai“ priemonė „Ekologinio (pažintinio) turizmo, aktyvaus poilsio ir sveikatos gerinimo infrastruktūros kūrimas ir plėtra“ |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | Lietuvos Respublikos ūkio ministro 2008 m. rugsėjo 11 d. įsakymas Nr. 4–415 „Dėl priemonės „Ekologinio (pažintinio) turizmo, aktyvaus poilsio ir sveikatos gerinimo infrastruktūros kūrimas ir plėtra“ projektų finansavimo sąlygų aprašo ir kvietimo teikti paraiškas dokumentų patvirtinimo“ (Žin., 2008, Nr. 107–4107) |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www3.lrs.lt/pls/inter3/dokpaieska.showdoc_l?p_id=327192&p_query=Ekologin*&p–tr2=2 |

| | |
|---|---|
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — |
| Tul | 11.9.2008-31.12.2013 |
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Arti, divertiment u rikreazzjoni, Attivitajiet ta' sport u attivitajiet ta' mogħdija ta' żmien u rikreazzjoni |
| Tip ta' benefiċarju | SME<br>Impriża kbira |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | 26,15 LTL (f'miljuni) |
| Għal garanziji | — |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | Lietuvos Respublikos Vyriausybės 2008 m. liepos 23 d. nutarimas Nr. 787<br>„Dėl sanglaudos Skatinimo veiksmų programos patvirtinimo" – 140,40 LTL (f'miljuni) |

| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f'% |
|---|---|---|
| Għajnuna reġjonali għall-investiment u l-impjiegi (Art. 13) Skema | 50 % | — |

| | |
|---|---|
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | X 15/08 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Numru ta' riferenza tal-Istat Membru | Bayern |
| Isem tar-Reġjun (NUTS) | Bayern<br>Artikolu 87(3)(c) |
| L-awtorità li tagħmel l-għotja | Bayerisches Staatsministerium für Wirtschaft, Infrastruktur, Verkehr und Technologie<br>Prinzregentenstraße 28, 80525 München, DEUTSCHLAND<br>http://www.stmwivt.bayern.de |
| Titolu tal-miżura tal-għajnuna | Richtlinie zur Durchführung des bayerischen regionalen Förderprogramms für die gewerbliche Wirtschaft |
| Bażi legali nazzjonali (Riferenza għall-pubblikazzjoni uffiċjali nazzjonali relevanti) | BayHO, BayVwVfG, Richtlinie vom 27.8.2008 zur Durchführung des bayerischen regionalen Förderprogramms für die gewerbliche Wirtschaft (AllMBl S. 523) |
| Weblink għat-test sħiħ tal-miżura tal-għajnuna | http://www.stmwivt.bayern.de/pdf/foerderprogramme/BRF_2008.pdf |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Tibdil ta' miżura tal-għajnuna diġà fis-seħħ | — |
| Tul | 1.9.2008-31.12.2013 |

| | | |
|---|---|---|
| Settur(i) ekonomiċi konċernati | Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| Tip ta' benefiċarju | SME | |
| Ammont komplessiv annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema | 100,00 EUR (f'miljuni) | |
| Għal garanziji | — | |
| Strument tal-għajnuna (Art. 5) | Sussidju fuq ir-rata ta' interessi, Ghotja | |
| Riferenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni | — | |
| Jekk ikkofinanzjat mill-fondi Komunitarji | EFRE — EUR 12,00 (f'miljuni) | |
| Għanijiet | Intensità massima tal-għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna fil-munita nazzjonali | Bonuses lill-SME f'% |
| Għajnuna għall-investiment u impjiegi għall-SMEs (Art. 15) | 20 % | — |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# IL-KUMMISSJONI

## Avviż ta' skadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping

(2009/C 249/08)

1. Kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 [1] dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma tiġix imnedija reviżjoni skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri anti-dumping imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. **Il-proċedura**

Il-produtturi Komunitarji jistgħu jagħmlu talba għal reviżjoni bil-miktub. Din it-talba jrid ikun fiha biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri tista' twassal għat-tkomplija jew għall-okkorrenza mill-ġdid ta' dumping u ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi Komunitarji mbagħad jingħataw l-opportunità li jamplifikaw, jikkontestaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fit-talba għal reviżjoni.

3. **Il-limitu ta' żmien**

Il-produtturi Komunitarji jistgħu jressqu talba għal reviżjoni bil-miktub fuq il-bażi ta' dak li ssemma hawn fuq, liema talba għandha tasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (l-Unità H-1), N-105 04/92, B-1049 Brussell [2] wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż preżenti iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96.

| Il-prodott | Pajjiż(i) ta' oriġini jew ta' esportazzjoni | Miżuri | Referenza | Data ta' skadenza |
|---|---|---|---|---|
| Fibri prinċipali tal-polijester | Repubblika tal-Korea | Dazju kontra d-dumping | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2852/2000 (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 17) kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 412/2009 (ĠU L 125, 21.5.2009, p. 1) | 18.3.2010 |

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] Faks +32 22956505.

**Avviż ta' skadenza imminenti ta' ċerti miżuri antidumping**

(2009/C 249/09)

1. Kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 [1] dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma tiġix imnedija reviżjoni skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri antidumping imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. **Il-proċedura**

Il-produtturi Komunitarji jistgħu jagħmlu talba bil-miktub għal reviżjoni. Din it-talba jrid ikun fiha biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri tista' twassal għat-tkomplija jew għall-okkorrenza mill-ġdid ta' dumping u ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi Komunitarji mbagħad jingħataw l-opportunità li jamplifikaw, jikkontestaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fit-talba għal reviżjoni.

3. **Il-limitu ta' żmien**

Il-produtturi Komunitarji jistgħu jressqu talba għal reviżjoni bil-miktub fuq il-bażi ta' dak li ssemma hawn fuq, liema talba għandha tasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (l-Unità H-1), N-105 04/92, 1049 Brussell [2] wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż preżenti, iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96.

| Il-prodott | Pajjiż(i) ta' oriġini jew ta' esportazzjoni | Miżuri | Referenza | Data ta' skadenza |
|---|---|---|---|---|
| Fibri prinċipali tal-polijester | Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>l-Arabja Sawdija | Dazju antidumping | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 (ĠU L 71, 17.3.2005, p. 1) kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 412/2009 (ĠU L 125, 21.5.2009, p. 1) | 18.3.2010 |

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

[2] Faks +32 22956505.

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.5654 – Brookfield/BBI)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 249/10)

1. Fid-9 ta' Ottubru 2009 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha Brookfield Asset management Inc. ("Brookfield", il-Kanada) jakkwistaw fi ħdan it-tifisra tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll indirett, permezz ta' soċjetà limitata imsejħa Brookfield Infrastructure Partners LP ("BIP") tat-totalità ta' Babcock & Brown infrastructure Limited ("BBIL") u ta' Babcock & brown Infrastructure trust ("BBIT"), li flimkien jiffurmaw Babcock & Brown infrastructure ("BBI", l-Awstralja), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Brookfield: ġestur ta' assi globali b'investimenti fi proprjetà u assi oħra infrastrutturali,

— għal BBI: fond ta' infrastruttura li jiġġestixxi portfolio internazzjonali ta' assi infrastrutturali l-aktar fis-settur tat-trasport u s-settur tad-distribuzzjoni u t-trażmissjoni tal-enerġija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5654 – Brookfield/BBI, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 249/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5654 – Brookfield/BBI) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ([1]) .......... 20

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT